MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE AND
LOCAL GOVERNMENT

*Local Councils Department*

LCD 57/1995/V

LCD 13/1994/VI

4 ta' Novembru 1999

**Memo 74/1999**

Lis-Sindki u s-Segretarji
Kunsilli Lokali

## Rapport dwar il-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ippubblika u qed iqassam it-tieni Rapport tiegħu għas-sena 1999 dwar l-effiċjenza tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali li jkopri l-perjodu April - Awissu 1999. F'dan ir-rapport, saru numru ta' bidliet mir-rapporti preċedenti.

L-ispezzjonijiet li jsiru dejjem għandhom l-iskop ewlieni li bir-riżultat finali ssir evalwazzjoni tal-ħidmiet u l-inizjattivi tal-Kunsilli Lokali li huma relatati mall-qadi tal-funzjonijiet mgħoddija lilhom.

Inħass iżda li kellu jsir tibdil fil-mod kif tiġi analiżata l-informazzjoni li tinġabar mill-ispezzjonijiet. Rapporti preċedenti kienu jagħmlu analizi fuq firxa nazzjonali u kienu jikkonċentraw fuq il-kategoriji tal-funzjonijiet individwali. Dan ir-rapport janalizza l-effiċjenza tal-Kunsilli Lokali fuq bażi individwali. B'hekk l-effiċjenza ta' Kunsill Lokali tiġi analizata' billi jiġu mqabbla il-funzjonijiet kollha flimkien. Dan sabiex wieħed jista' jara b'mod aktar ċar l-effiċjenza milħuqa minn kull Kunsill Lokali.

Fil-paġni li ġejjin wieħed jista' jsib analiżi fid-dettal tar-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li saru fil-perjodu msemmi hawn fuq kif ukoll tqabbil mar-rizultati tar-rapport preċedenti li kien ikopri l-perjodu Jannar - Marzu 1999. Ta' min dejjem ifakkar li l-iskop ta' dan ir-Rapport huwa li l-marki milħuqa mill-Kunsilli rispettivi jiġu analizzati mill-Kunsilliera flimkien mas-Segretarji u dawk kollha nvoluti fit-tħaddim tal-kuntratti konċernati. Huwa fil-kompitu tagħkom li teżaminaw fid-dettal l-impatt li kellu x-xogħol kuntrattwali mwettaq mill-Kunsill tagħkom matul dan il-perjodu msemmi.

"Chateau de la Ville", 21, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

Ma dan ir-Rapport qed jiġu mehmuża wkoll għadd ta' rapporti oħra dwar l-ispezzjonijiet magħmula mill-ispetturi ta' dan id-Dipartiment, dejjem skond kif ikun applikabli għal kull Kunsill rispettiv.

Infakkarkom li, bħal dejjem, dan ir-rapport m'għandhux jintuża bħala mezz biex jitqies ix-xogħol sarx tajjeb mill-kuntrattur. Din l-evalwazzjoni ta' xogħol il-kuntrattur għandha ssir biss mill-*Contract Manager* (jew xi persuna oħra mqabbda mill-Kunsill) li tiegħu dejjem hemm il-bżonn ta' ċertifikazzjoni sabiex il-Kunsill japprova l-ħlas tal-pagamenti.

Stefan Scotto A.&C.E.
għad-Direttur (Kunsilli Lokali)

Kopji: Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ġustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali